# Tempju Monumentali



*Kitba ta' Raymond Saliba*

Il-knisja parrokkjali hi għal komunità nisranija tar-raħal jew belt bħal mutur jew magna f'karozza. Fiha jingħataw is-Sagramenti u madwarha jseħħu l-avvenimenti prinċipali tal-parroċċa. Hu għalhekk li n-nies tintrabat u tħobb din il-knisja, kif wkoll turi magħha ġenerosità b'ħidma volontarja, għoti ta' flus u oġġetti oħra ta' valur sentimentali jew artistiku.

Ħaż-Żebbuġ, anke jekk kiber fin-numru ta' abitanti, għadu sallum bi knisja parrokkjali waħda, f'nofs ir-raħal, bi pjazza kbira quddiema. Hawn tisvolġi ħafna mill-attività soċjali tar-raħal. Dan hu determinanti biex ir-rwol tal-"knisja omm" jibqa' bla mittiefes u b'hekk tibqa l-appartenenza tal-poplu lejha.

Wara l-eqdem parroċċi dawk ta' l-Mdina u l-Birgu, jiġu grupp b'waħda minnhom tkun dik ta' Ħaż-Żebbuġ. Il-pożizzjoni ġeografika tar-raħal fuq pjanura u mdawwar bil-wieden, flimkien mal-viċinanza għall-Imdina li kienet Iċ-ċentru tal-aristokrazija u l-kleru żgur li kienu ta' vantaġġ biex fir-raħal jkun hemm komunità mdaqqsa li tinkludi familji sinjuri u professjonisti, kif wkoll bosta qassisin.

Sa mill-1575 kien hemm knisja



*Il-Knisja Arċipretali armata għall-Festa Titulari ta' San Filep*



*Parti mill-prospettiva elaborata tal-Kor tal-Knisja Parrokkjali ta' Ħaż-Żebbuġ*

parrokkjali kbira b'14-il-artal u b'kampnar. Il-knisja preżenti kienet lesta sal-1632 ħlief għall-kappella tal-Karmnu u dik ta San Ġużepp li ġew miżjuda fl-1655. Tibdil ieħor sar fil-prospettivi tal-kappelluni maġġuri u f'dik tal-kor, l-ewwel fuq stil klassiku u aktar tard bi stil Barokk dawk tar-Ruzarju u tal-Erwieħ.

Din kienet il-binja tipika għal dak Iż-żmien; b'korsija, żewġ kappelluni u kor flimkien mas-sagristija. Il-koppla kienet minn tal-bidu fl-għamla tagħha ottagonali u bil-lanterna. Kellu raġun Ġian Frangisk Abela jikteb fl-1647 li din il-knisja kienet 'magnifica', għaliex kif komplew jirrimarkaw wkoll xi isqfijiet fil-visti pastorali, din kienet knisja akbar minn oħrajn ta' żmienha, fit-tul u l-wisa tagħha. Fortunatament meta bdew jinbidlu l-gosti fl-istili, is-saqaf fuq il-ħnejjiet bil-koppla inkurunanti baqa' ntatt, kif tħallew wkoll bla mimsusa l-pilastri prinċipali mad-dawra tal-binja biċ-ċanfrin 'melitan'. Hija pjanta b'forma ta' Salib Latin b'ordni Doriku, li għalkemm awster ħdejn ordnijiet oħra hu sabiħ fis-semplicità u l-proporzjon eleganti tiegħu. Meta aktar tard, il-parti l-kbira tal-prospettivi ma baqgħux fl-istil klassiku iżda saru Barokki, dawn ma ħarġux il-barra u tellfu l-armonija estetika tal-linja prevalenti. Dan irrepeta ruħu wkoll fis-seklu dsatax meta saru n-navi li ntefgħu lura mill-faċċata biex fortunatament baqgħet intatta minn wara l-modifiki li ġew proposti minn Lorenzo Gafa mitejn sena qabel u ġew opra fihom infishom.

L-uniku nuqqas li jinħass fihom huwa l-post tal-bibien laterali tal-faċċata li kuntrarju għal dawk tal-ġenb huma nieqsa minn pilastri u entablatura. Ta' min ifakkar wkoll fin-nuqqas tat-tkomplija tal-lavur tan-naħa tal-oratorju, kif wkoll in-nuqqas ta' statwi tal-appostli li kien maħsub fuq iċ-ċinta bejn il-balavostrar. Min jaf meta xi darba jsir restawr serju tal-binja minn barra (bħal ma għamlu parroċċi oħra ( l-aħħar fil-lista San Ġorġ ta' Ħal Qormi), jitkompliex dan ix-xogħol?

Il-prospettivi li semmejna huma suġġett ieħor li jagħmel aktar mad-disinn fl-ornamentar. Sfortunatament illum ma nistgħux ingawdu nofshom għax dawn ġew meqruda mal-ispirtu purista u Romantiku ta' artisti bħal Pisani, li fuq parir tiegħu anke kwadri sbieħ u artistiċi kellhom jitneħħew minn fuq l-artali u madwarhom.

B'daqshekk ma rridx ngħid li Pisani kien żbaljat, għax dan kien moviment mifrux ma' Malta kollha, li ġie minn barra permezz ta artisti kbar u magħrufa sewwa li fehmu li kellu jsir dan it-tibdil. Bħala artist u speċjalment bħala disenjatur, Pisani kien kompetenti u fil-parroċċa tagħna (li kienet tiegħu wkoll), ħalla opri li jagħmlulu ġieħ. Madankollu xorta għad baqa eżempji tajbin ħafna ta' prospettivi b'disinn klassiku u barokk ta' l-għola livell. Dik tal-kor fiha lavur

fin li jpaxxi l-għajn, xogħol delikat u spjegat, ta' skalpellini li jinkludu lil ħadd ħlief Lorenzo Gafa.

Din il-prospettiva kompliet tiżżejjen maż-żmien bl-artal tal-injam indurat u l-urna fejn tinżamm ir-Relikwija ta' San Filep, xogħol f'idjoma Barokka disenjata minn Pietru Pawl Troisi, li kien jaħdem fiz-zekka tal-Ordni. Kieku kellha terġa tiġi ndurata kif suppost żgur li titgawda aħjar. Meta sar l-artal-mensa ġdid tal-irħam biex seta' jitpoġġa l-korp sant ta' San Gawdenz (1858), sfortunatament tneħħa dak li kien hemm qabel li wisq probabbli kien f'għamla ta' qabar bħal dawk tal-kappelluni Maġġuri.

Il-kor fih kumpless sabiħ ferm, apparti mil-lussu ta' spazju. Is-sedji flimkien mal-leġiju huma xogħol tajjeb ta' karpinterija. Il-kwadri mdaqqsa ta' fuqhom bil-gwarniċi skulturati huma festa Barokka li tpaxxi s-sensi. Kapolavur ieħor f'din il-parti hu xogħol



*Il-prospettiva tal-Kappellun tal-Madonna tar-Rużarju fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħaż-Żebbug.*

qisu bizzilla tat-taraġ tal-maġġur magħmul b'sengħa kbira mill-'ferro battuto'.

Il-kappelluni Maġġuri huma bħal niċeċ li jieħdu fihom relikwji mportanti tad-dekorazzjoni Barokka. Il-prospettiva tal-Erwieħ, tal-Karità u ta' Santa Katerina huma ċertament fost l-ifjen u l-isbaħ eżempji ta' pajjiżna li juru mhux biss il-livell artistiku għoli tal-artisti lokali matul is-seklu tmintax, iżda wkoll il-gosti raffinati tan-nies tar-raħal.

Apparti mil-lavur fl-ornamentar u l-figurattiv, xogħol fil-ġebla Maltija li tħossu jkellmek bil-moviment tiegħu, huma wkoll opra tal-arti ta' preġju l-artali tal-irħam li jżejnuhom. Dawk tal-kappelluni maġġuri fihom wkoll xogħol delikat bil-bronz li jagħmilhom aktar sinjorili. Ħasra li dawn l-artali sbieħ fihom ħafna ħsara u wisq nibża li jekk ma jsirx intervent ta' restawr malajr (minn nies kompetenti) ser nitilfuhom.

Ma tistax issemmi din il-knisja bla ma titkellem dwar is-sagristija l-ġdida, jiġifieri dik in-naħa tal-kappellun tar-Rużarju, għalkemm l-antika ma fihiex xi tmaqdar. Din hija d-djamant fil-kuruna ta' din il-knisja, ġojjell li forsi ma nafux u ma napprezzawx biżżejjed. Id-dekorazzjoni tas-saqaf hija xogħol pittoriku-dekorattiv ta' livell għoli li wkoll jixraqlu attenzjoni mmeddjata mingħand nies esperti. Il-kaxxerizzi tal-injam, flimkien mal-bank taħt it-tieqa fihom xogħol ta' ħila. Però l-isbaħ li fiha hi l-kappella tagħha ddedikata lil San Publiju, isqof ta' Ateni bil-lavur delikat stil Roccoco.

Kemm hemm x'wieħed jgħid imbagħad fuq l-arredamenti li jżejnu t-tempju, sew għal użu liturġiku, kif wkoll matul il-festi. Diversi oġġetti huma verament opri tal-arti fl-injam, metall (partikolarment fidda), tessuti u l-bqija. Hi ħasra li bosta minn dawn l-oġġetti ngawduhom biss fil-festa għax parroċċa kbira u antika bħal din ta' Ħaż-Żebbuġ għad ma' ħasbitx għal mużew xieraq. J'Alla din ix-xewqa ta' ħafna Żebbuġin issir xi darba realtà.